MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2006

Citazzjoni Numru. 382/2004

Kawza fil-lista: 48

**A B**

**Vs**
**C D f' isimha proprju u bhala kuratrici ad litem, nominata b' digriet tat-22 ta' Novembru 2004, ta' binha minuri E, F u Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ppremetta u talab hekk:

Peress illi l-konvenuta C D kienet izzewwget il-konvenuta F fil-15 ta' Jannar, 2001;

U peress illi l-konvenuta C D qieghda separata de facto minn mal-konvenut F;

U peress illi f' dan il-perjodu C D kellha relazzjoni intima extra-maritali mal-attur;

U peress illi sussegwentement minn din ir-relazzjoni exra-maritali twieldet il-minuri E kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid (Dok A) li jgib in-numru ta' 2833;

U peress illi fl-istess certifikat tat-twelid il-konvenut F huwa mnizzel bhala l-missier naturali ta' E u dan minhabba l-prezunzjoni li minn jitwieled fi zwieg hu prezunt li hu wild il-konjugi;

U peress illi fi zmien bejn it-tlett mitt gurnata u l-mija u tmenin jum qabel it-twelid tal-minuri E, l-konvenut F kien f' impossibilta' fizika li jikkoabita mal-konvenuta C D u stante l-fatt huma ma kienux jghixu flimkien f' dak il-perjodu;

Jghid il-konvenut u ghaldaqstant u ghaliex m' ghandiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li ghall-finijiet u effetti tal-Ligi, l-attur A B huwa l-missier naturali tat-tarbija E, okkorrendo bin-nomina ta' esperti medici bix isiru t-testijiet tad-demm u tad-DNA;

2. Tordna l-konvenut Registratur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-att tat-twelid li jgib in-numru progressiv ta' iskrizzjoni 2833 tas-sena 2004 tal-minuri E billi fit-tieni kolonna tissostitwixxi isem il-missier it-tarbija cioe F bl-isem A B, fit-tielet kolonna tissostitwixxi l-I.D. numru "//" bin-numru tal-I.D. Card numru tal-attur u cioe' 455172M, fir-raba' kolonna tissostitwixxi l-eta' ta' disa' u ghoxrin sena bl-eta tal-attur u cioe' tnejn u tletin sena, l-hames kolonna tissostitwixxi l-post tat-twelid cioe Khan. S. Syria bil-post tat-twelid tal-attur u cioe Pieta' Malta, fis-sitt kolonna tissostitwixxi l-lokal ta' residenza cioe Malta, bil-kliem Valletta, Malta u fis-seba' kolonna tissostitwixxi isem

u kunjom il-missier cioe G Hamida (Not Known whether Living or Dead) bil-kliem Unknown.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma gja ingunti in subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha eccepixxa:

1. Illi fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi jekk it-talbiet attrici jintlaqghu l-kliem “the said” iridu jigu kkancellati mill-kolonna li tindika d-dettalji dwar l-omm fl-Att ta’ Twelid in kwistjoni.

3. Illi fit-tieni talba attrici ghandu jigi precizat illi l-Att tat-Twelid in kwistjoni jgib in-numru progressiv ta’ iskrizzjoni 2833 tas-sena 2004.

4. Illi ghandha tintalab korrezzjoni fit-tielet u l-hames premessa u paragrafu tad-dikjarazzjoni rispettivament stante illi bi zvista jissemmghu ismijiet estraneji ghal din il-kawza.

5. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

6. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati u l-listi tax-xhieda, ta’ dawn il-partijiet;

Rat in-nota ta’ amissjoni tal-konvenuta C D, mahlufa u prezentata fit-12 ta’ Novembru 2004,

Rat li l-konvenut F, debitament notifikati ghazel li jibqa' kontumaci;

Rat l-Avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kap.16;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur A B qed jitlob dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li l-minuri E li twieled fis-26 ta' Awissu 2004, huwa l-wild naturali tieghu u mhux tal-konvenut F kif erroneament indikat fl-Att tat-Twelid tal-minuri;  u talab il-korrezzjoni relattiva fl-Att tat-Twelid numru 2833/04

Ghalhekk l-azzjoni odjerna hija bazata fuq id-dispsot tal-Artikolu 77 tal-Kodici Civili li jiddisponi li l-legittimita' ta' tifel imwieled matul iz-zwieg tista' tigi impunjata wkoll minn kull persuna interessata jekk din tipprova li fil-perijodu indikat fl-istess Artikolu r-ragel kien "fl-impossibilita' fisika li jghammar ma' martu minhabba li kien boghod minnha".

F' dan l-istadju u b' referenza ghal valur probatorju tal-prova genetika f' kazijiet konsimili bazati fuq id-dispost tal-Artikolu 77 , il-Qorti taghmel referenza ghal-konsiderazzjonijiet maghmula minn din il-Qorti fis-sentenza *PA[PS] Anna Zammit vs Carmelo Zammit et noe deciza fit-28 ta' Frar 2003.*

Mill-provi jirrizulta pacifiku u mhux kontraddett li fil-15 ta' Jannar 2001 il-konvenuta C D, li f' dak iz-zmien kienet mahkuma mill-vizzju tad-droga, kienet izzewwget lil F ta' nazzjonalita' Sirjana, biex tippercepixxi s-somma ta' flus li kienu offrewla. D tghid li hija ma kienitx tafu lil F qabel iz-zwieg, u lanqas saret tafu wara ghax wara z-zwieg qatt ma ghexu flimkien. Hija tghid kategorikament li qatt ma kellha x' taqsam mieghu sesswalment.

Sussegwentement bdiet relazzjoni ma' l-attur, bir-rizultat li eventwalment din il-koppja bdew jghixu flimkien u

eventwalment kellhom tarbija mir-relazzjoni taghhom, bl-isem Sadon li pero' fuq l-att tat-twelid gie registrat bhala wild il-konvenut F peress li l-konvenuta D kienet legalment ghadha mizzewwga lilu.

Illi rizultat ta' testijiet tad-DNA li saru minn kampjuni mehudin minn fuq il-persuni ta' l-attur, tal-minuri u ta' ommu l-konvenuta, jikkonferma t-tesi attrici li E huwa l-wild naturali ta' l-attur; u ghalhekk tinsab esklusa b' certezza assodanti l-preteza favor legittimatis krejata bl-att tat-twelid tal-minuri;

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talbiet attrici huma gustifikati u jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara li l-minuri E li twieled fis-26 ta' Awissu 2004, mhuwiex it-tifel naturali tal-konvenut F, izda huwa t-tifel naturali ta' l-attur A B li ghandu n-numru ta' l-identita' 455172[M] bin mhux maghruf imwieled il-Pieta' u joqghod Valletta, u li fiz-zmien tat-twelid tat-tarbija kellu 32 sena;

u tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jikkoreggi l-Att tat-Twelid numru 2833/04 tal-minuri E billi jitnehha l-isem u l-konnotati tal-konvenut F, u minflok jitnizzel l-isem ta' l-attur A B u l-konnotati tieghu; u jigu kancellati l-kliem "the said" mill-kolonna li taghti d-dettalji dwar l-omm fl-istess Att.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku ta' l-attur u tal-konvenuta C D, fi kwoti wgwali bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------